# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 63/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 31 ta' Awwissu, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:00hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

## MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

63.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 62

63.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 62 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier John Luke Cassar, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 15/2023 – Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

63.3.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari fejn ġew mitluba jipproponu żagħżugħ jew żagħżugħa biex jirrappreżentaw il-lokalità ta' Ħal Kirkop fil-Parlament taż-żgħażagħ f'seduta bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-30 sena mit-twaqqif tal-Gvern Lokali f'Malta.

63.3.1.2 Il-Kunsilliera kienu qablu li jinnominaw lil Jake Busuttil li ser ikun qed jitkellem bit-tema 'Kif tara l-futur tal-Gvern Lokali?'

63.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 16/2023 – Europride 2023 Malta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'Malta.

63.3.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li l-Kunsill ma jieħux sehem.

63.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kif kien diskuss f'laqgħa preċedenti, l-ġiebja ta' Pjazza Żerniq ġiet iċċekjata u hija mimlija bl-ilma.

63.3.3.1 Fir-rigward ta' Pjazza Żerniq ukoll, is-Sindku qal li l-Inġinier kien bgħat ir-rapport u l-BOQ ta' x'hemm bżonn isir fil-ġnien. Hu qal li jekk ikun hemm qbil hu kien ser jitkellem mal-Ministru Stefan Zrinzo dwar il-bżonnijiet li hemm fi Pjazza Żerniq biex naraw jekk jistax jgħin lill-Kunsill.

63.3.3.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill għandu jikseb kull għajnuna possibbli mill-Ministeru biex isir dan ix-xogħol.

63.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien qed jiddiskuti dwar il-fond Sebbaħ Pajjiżek u ser jitlob biex dan jiġi estiż biex il-Kunsill ikun jista' juża dawn il-fondi.

63.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-pjanti ta' Ġnien Rousset, liema pjanti ġew maqbula bejn il-Kunsilliera preżenti b'modifiċi żar. Dawn il-pjanti ser jgħaddu għand il-Perit u malli jkunu lesti jgħaddu għand il-Ministru.

63.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien infurmat mill-kuntrattur tal-knis li kien ser jieqaf jagħti s-servizz fl-aħħar tal-ġimgħa, jiġifieri fl-1 ta' Settembru, 2023.

63.3.6.1 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill ġab kwotazzjoni għal servizz ta' emerġenza mingħand kuntrattur ieħor li lest li jaqdi lill-Kunsill mill-4 ta' Settembru, 2023.

63.3.6.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-kwotazzjoni u qablu magħha minħabba li l-Kunsill ma setgħax jispiċċa mingħajr kennies.

63.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mir-Reġjun Punent rigward il-problemi ta' skart li ma kienx inġabar fi Triq Salvu Sacco u ħdejn iċ-ċimiterju.

63.3.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jittella' post fuq *facebook* fejn ir-residenti jiġu infurmati li l-Kunsill għamel minn kollox fir-rigward ta' dan l-iskart u għalkemm ġabar tlett vannijiet imbarazz u informa lir-residenti diversi drabi xorta waħda mhux qed isib koperazzjoni u mhux qed jimxu mal-iskeda. Il-Kunsill se jinforma wkoll li din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa' tiġi ttolerata u li l-ERA ser tieħu passi dwar min qed iħammeġ bla skruplu.

63.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba għal-laqgħa mal-Każin tal-Futbol.

63.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li ssir laqgħa nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru, 2023 fis-18:30hrs.

63.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li minħabba raġunijiet ta' xogħol is-Segretarju Eżekuttiv ma kinetx ser tilħaq tieħu l-*vacation leave* kollu tas-sena 2023 u għaldaqstant talbet biex takkumula 96 siegħa *vacation leave* mis-sena 2023 għas-sena 2024.

63.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv u qablu li dawn is-96 siegħa jiġu mġedda kif mitlub.

63.3.9.2 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex is-Segretarju Eżekuttiv iġġedded 96 siegħa *vacation leave* mis-sena 2023 għas-sena 2024, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

63.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta mingħand Transport Malta rigward il-*parking bays* li hemm fuq il-bankina fi Triq Danny Cremona u Triq Valletta.

63.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din ir-risposta u ser ikunu qed jaraw kif din il-bankina tista' tiġi utilizzata u jsiru l-marki u s-sinjali li hemm bżonn. Malli x-xogħol ikun lest, il-Kunsill jinforma lir-residenti li huwa permess li wieħed jipparkja f'din iż-żona skont it-tabelli.

63.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *draft* ta' *co-operation agreement* rigward il-Libreriji Lokali mir-Reġjun Punent.

63.3.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan id-*draft* u qablu li dan ma għandux jiġi ffirmat.

63.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-Kappillan dwar il-pjanti li kien hemm fuq iz-zuntier tal-knisja.

63.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dawn jitneħħew kollha u jiġu rilokati f'postijiet oħra.

63.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-polza tal-assikurazzjoni tal-Kunsill.

63.3.13.1 Il-Kunsilliera raw din il-polza u qablu li din tiġi emendata biex tirrifletti l-assi preżenti u terġa' tiġġedded.

63.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ġabar kwotazzjonijiet dwar arblu tal-*istainless steel* biex jitpoġġa fil-*foyer* tal-Kunsill biex miegħu titwaħħal il-bandiera tar-Reġjun Punent. Dan l-arblu ser jiġi ffinanzjat mir-Reġjun stess.

63.3.14.1 Il-Kunsilliera preżenti raw u ddiskutew il-kwotazzjonijiet riċevuti u qablu li tingħażel l-orħos kwotazzjoni.

63.3.14.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex tingħażel l-orħos kwotazzjoni għax-xiri ta' arblu tal-istainless steel, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

63.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ġabar kwotazzjonijiet għall–*t-shirts* li kienu ser jingħataw lil dawk kollha li kienu ser jipparteċipaw fil-kampanja Cleanup the World li kienet ser issir fit-13 ta' Settembru, 2023.

63.3.15.1 Il-Kunsilliera preżenti raw u ddiskutew il-kwotazzjonijiet riċevuti u qablu li tingħażel l-orħos kwotazzjoni.

63.3.15.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex tingħażel l-orħos kwotazzjoni għax-xiri ta' *t-shirts* għall-kampanja *Cleanup the World*, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius.

63.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ġabar kwotazzjonijiet għall-iskrivaniji tal-iskrivani peress li kien hemm bżonn li jinbidlu.

63.3.16.1 Il-Kunsilliera preżenti raw u ddiskutew il-kwotazzjonijiet riċevuti u qablu li tingħażel l-orħos kwotazzjoni.

63.3.16.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex tingħażel l-orħos kwotazzjoni għax-xiri ta' skrivaniji, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri.

63.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ġabar kwotazzjonijiet għall-bandli.

63.3.17.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-kwotazzjonijiet u qablu li jżommuhom *on hold* sakemm toħroġ l-iskema tal-*playing fields*. Huma qablu li jerġgħu jiddiskutu din il-materja fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

63.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar numru ta' *charging pillars* li ġew proposti biex jiġu installati f'Ħal Kirkop.

63.3.18.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn il-proposti u qalu li ma hemmx qbil magħhom. Il-Kunsilliera qalu li l-ewwel għandhom isiru dawk il-proposti li kien għamel il-Kunsill u wara li jsiru dawn ikunu jistgħu jerġgħu jiddiskutu.

63.3.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment għall-Anzjanità Attivà u K rigward il-Premju Anzjanità Attivà.

63.3.19.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena il-Kunsill ma jieħux sehem.

63.3.20 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:55hrs.

63.3.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba biex isir reklamar fuq l-*istreet furniture* fil-kantuniera ta' Triq San Pietru matul is-sena kollha.

63.3.21.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jaċċettaw din il-proposta sakemm ikun jista' jsir reklamar tal-attivitajiet tal-Kunsill meta jkun hemm il-ħtieġa.

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

63.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa lis-Sindku jekk kellux risposta dwar l-art fi Triq Nerik Xerri biex issir spazju pubbliku.

63.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li sakemm daħal għal-laqgħa kien għadu qed jistenna risposta minn Project Green li minn naħa tagħhom kienu qed jistennew laqgħa mal-Ministru tal-Artijiet.

63.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa jekk Triq l-Imdina, 'l parti li twassal għal Triq il-Belt Valletta, iż-Żurrieq tistax issir bid-dawl. Dan għaliex bħalissa fix-xfarijiet biss hemm.

63.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jiċċekkja ma min irridu nitkellmu, għax din jekk ser issir ma tistax issir mill-Kunsill imma trid issir minn naħa tal-Ministeru.

63.4.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa jekk il-Kunsill setax itella' informazzjoni fuq *facebook* dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' skart biex ir-residenti jkunu infurmati.

63.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jittella' post fuq *facebook* fejn il-Kunsill jinforma lir-residenti li l-kuntratt tal-iskart, mill-1 ta' Jannar 2023 għadda f'idejn ir-Reġjun u għaldaqstant il-Kunsill jista' biss iressaq l-ilmenti tar-residenti quddiem ir-Reġjun biex tittieħed azzjoni minn naħa tagħhom.

63.4.3.2 Il-Kunsilliera qablu wkoll li kuljum għandu jitla' post fuq facebook biex infakkru lir-residenti bl-iskeda tal-ġbir ta' skart, skont x'ikun imiss l-għada. Dawn għandhom jibqgħu jittellgħu għal xahar sħiħ.

63.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar kif ser nibdew naħdmu fuq l-attività *Gigantic – Kirkop's Local Christmas Market*.

63.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li ssir ġurnata Brainstorming u Planning ta' din l-attività.

63.4.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet tiġbor kwotazzjonijiet għal din il-ġurnata, fejn il-Kunsilliera qablu li meta jinġabru l-kwotazzjonijiet, il-Kunsill għandu jmur għall-orħos offerta, biex din il-ġurnata tkun qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss minħabba li ż-żmien kien dieħel ġmielu.

63.4.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar kif ser nibdew naħdmu fuq nit-tielet laqgħa tal-proġett us4EU li kienet ser issir f'Malta bejn it-13 u s-16 ta' Diċembru, 2023.

63.4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tikkordina mal-organizzaturi biex tara x'hemm bżonn li jiġi koordinat minn naħa tal-Kunsill biex inkunu nistgħu naħdmu fuqu.

63.4.6 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa meta kien ser isir iż-żbir tas-siġar ta' ħdejn il-katakombi u dawk ta' Triq San Remiġ u Triq Danny Cremona.

63.4.6.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li kien diġà tkellem mal-ġardinar rigward dawn is-siġar u kien ser isir iż-żbir.

63.4.7 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar it-tindif tal-*water culvert* fi Triq ir-Ramlija.

63.4.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dan jitnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tara li dan jitnaddaf qabel il-maltemp.

63.4.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa kemm kienu inħarġu taħrikiet mil-LESA mis-CCTVs ta' Triq ir-Ramlija peress li jidher li qed ikun hemm ħafna boroż madwar il-Bring-in-Sites.

63.4.8.1 Is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lil-LESA jagħtuna l-ammont ta' taħrikiet maħruġa mis-CCTVs ta' Triq ir-Ramlija.

63.4.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-proġett tal-*Observation area* fi Triq l-Industrija. Hu talab lis-Sindku biex iġib din l-informazzjoni għax issa kien ingħata żmien biżżejjed.

63.4.9.1 Il-Kunsillier Cody Galea kompla jgħid li jekk il-Kunsill mhux ser ikollu risposti dwar dan kellu jitla' post fuq facebook biex ir-residenti jkunu infurmati li għalkemm il-Kunsill ħadem bi sħiħ biex dan il-proġett jitwettaq, il-Kunsill ma sabx għajnuna mill-awtoritajiet.

63.4.9.2 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jerġa' jitlob risposti b'mod urġenti fuq dan ir-rigward.

## 63.5 Rapport tal-Ilmenti

63.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 63.6 Approvazzjoni – Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità Sena 2022

63.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill, il-minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 63.7 *Clean Up the World Campaign* 2023

63.7.1 Is-Sindku Terence Agius fakkar lill-Kunsilliera preżenti li l-Cleanup the World Campaign 2023 kienet skedata għal nhar l-Erbgħa, 13 ta' Settembru bejn l-4.00pm u s-6.00pm. Din is-sena din il-kampanja saret bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun Punent flimkien mal-Kirkop Paegant Group u l-Grupp Żgħażagħ Kirkop.

## 63.8 Proġett ta' Sigurtà mal-Iskola Sekondarja

63.8.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Iskola Sekondarja kienu talbu l-għajnuna tal-Kunsill biex isiru tabelli mal-periferija tal-iskola biex isir sewqan aktar bil-galbu.

63.8.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u għalkemm qablu magħha u jixtiequ jgħinu lill-Iskola iħossu li mhux xieraq li meta l-għaqdiet tal-lokal jitolbu l-għajnuna għall-użu tas-sala l-għaqdiet jintalbu jħallsu.

63.8.3 Għaldaqstant ġie deċiż li tintalab laqgħa mal-Iskola Sekondarja biex jiġi diskuss aktar fid-dettal dan il-proġett u l-Kunsill jistħarreġ il-possibilità kif iż-żewġ entitajiet jistgħu jgħinu lill-xulxin għall-beneficcju tal-komunità kollha.

## 63.9 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

63.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-evalwazzjoni tat-tender dwar l-offerta tal-knis ta' toroq kienet għada ma ġietx iffinalizzata. Għal dan il-għan il-Kunsilliera kienu qablu li jitolbu servizz ta' emerġenza biex Hal Kirkop ikollu kennies u ma jispiċċax mingħajr servizz tal-knis.

## 63.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

63.10.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 140 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

63.10.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 140 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 63.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

63.11.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

63.11.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 19 ta' Settembru, 2023 fl-16:30hrs.

63.11.3 Il-laqgħa ntemmet fid-20:45hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 10 ta' Ottubru, 2023

**Mozzjoni Ref:** 324/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 62.

| ____________________ | ____________________ |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 31 ta' Awwissu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 325/23/9

**Mozzjoni:**

Biex is-Segretarju Eżekuttiv iġġedded 96 siegħa *vacation leave* mis-sena 2023 għas-sena 2024.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 31 ta' Awwissu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 326/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tingħażel l-orħos kwotazzjoni għax-xiri ta' arblu tal-i*stainless steel*.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 31 ta' Awwissu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 327/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tingħażel l-orħos kwotazzjoni għax-xiri ta' *t-shirts* għall-kampanja *Cleanup the World.*

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Terence Agius

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 31 ta' Awwissu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 328/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tingħażel l-orħos kwotazzjoni għax-xiri ta' skrivaniji.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 31 ta' Awwissu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 329/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 31 ta' Awwissu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 330/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-Minuti tal-Laqgħa Annwali għas-sena 2022.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 31 ta' Awwissu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 331/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 140.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 31 ta' Awwissu, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**